MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 565/2012

**Appell Nru. 565/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jessica Grima)**
**Vs**
**Alan Agius**

**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 53581 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Jannar 2010 ghall-habta ta' 18.40 hrs gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, saq vettura bin-numru CBL 368 :
1. u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolaemnti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna griehi ta'

natura gravi fuq il-persuna ta’ Ivica Marinkovic hekk kif iccertifikat Dr. Thomas Armathys MD (2788) mill-MDH;
2. kif ukoll saq l-imsemmija vettura b’manjiera a) traskurata, b) perikoluza u c) bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Novembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 225 u 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u bla kont u kkundannatu multa ta’ sebgha mitt Ewro (€700) u b’applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Dicembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu minn sewqan perikoluz, thassar il-kumplament fejn gie dikjarat hati ta’ feriti gravi involontarji u ta’ sewqan traskurat u bla kont u fejn ikkundannatu multa ta’ €700 u tlett xhur sospensjoni tal-licenzja u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriduci l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi s-sejbien ta’ htija fil-konfront ta’ l-akkuzat kien wiehed “unsafe and unsatisfactory” u dan ghaliex l-Ewwel Qorti applikat hazin il-fatti tal-kaz sabiex tasal ghall-konkluzjoni illi f’dan il-kaz kien hemm dipartenza da parti ta’ l-esponent mill-obbligu tieghu sabiex izomm “a proper looking” fil-mument ta’ l-incident de quo.

Bid-dovut rigward, mill-provi akkwiziti jirrizulta l-oppost u cioe` li fil-mument ta’ l-incident l-esponent kien qieghed

jezercita d-diligenza kollha dovuta bili kien qed jiffoka l-attenzjoni tieghu fuq il-“pedestrian crossing” li kienet inqas minn hamsin metru quddiemu u dan propju sabiex jaccerta ruhu li ma jkun ta’ ebda perikolu ghall-terzi li setgha kien ser jaqsmu. Il-fatt li s-sinistrat qabad u qasam b’girja fl-istat ta’ sokor li kien fih minn parti ta’ triq minn fejn mhux suppost qasam, zgur illi huma fatturi mhux attribwibbli lill-esponent u per tant il-kundanna tieghu kienet wahda irragonevoli.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotezi tal-ligi meta sabitu hati ta’ sewqan bla kont u dan ghaliex galadarba l-Ewwel Qorti accetat il-kontributorjeta fl-incident tal-vittma, dan filwaqt li ma jezonerax ghal kollox lill-imputat, xorta bhala konsegwenza ghandha ggib diminuzzjoni fil-grad ta’ responsabilta’ tieghu u ghalhekk se mai huwa setgha jigi meqjus responsabbli sal-grad ta’ sewqan traskurat, u mhux ta’ sewqan bla kont ukoll.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni. Irrizulta illi fl-ghaxra (10) ta’ Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal ta’ 18.40 hours fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar l-imputat kien qed isuq vettura bin-numru CBL 368 diehel San Pawl il-Bahar isuq fuq il-karreggjata tax-xellug. Meta wasal hdejn l-istabiliment Giormina ftit qabel il-pelican lights hass daqqa mal-vettura tieghu; waqaf, hareg mill-vettura, mexa lura u ra persuna mal-art fil-karreggjata l-ohra u din il-persuna kellha demm ma’ mohhha. L-imputat innota ukoll xi hsara fil-vettura b’mod partikolari fil-fanal, il-mudguard u l-mera tan-naha tal-lemin ta’ quddiem. Din il-persuna li kienet mal-art qamet, però mill-ewwel regghet waqghet mal-art. sussegwentement irrizulta li fil-hin tal-incident il-vittma Ivica Marinkovic kellha livell gholi hafna ta’ alkohol fid-demm. Marinkovic qal li kien ma’ xi hbieb jara loghba football. Jghid illi xorob xi tnejn drinks u li meta sarlu l-hin telaq biex imur lejn daru go post fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar quddiem Giormina. Jaf illi hareg minn dan il-lokal

u jiftakar illi wasal sa nofs it-triq u mbaghad xejn aktar ghaliex illi jiftakar biss illi qam l-isptar. kawza ta’ dan l-incident Marinkovic sofra lacerated wound fuq mohhu u ksur f’idejh u saqajh tax-xellug. Gie certifikat illi qed isofri dizabilità permanenti ta’ hmistax fil-mija (15%). Ma hemmx kontestazzjoni dwar in-natura tal-griehi illi sofra Marinkovic.

B’sentenza moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Novembru tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u cioé ghal sewqan perikoluz izda sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tieni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u bla kont u ikkundannatu ghal multa ta’ seba’ mitt ewro (€ 700) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell principalment dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-fatti. L-appellant argumenta illi l-point of impact ma’ Marinkovic kien hamsin metru (50 m) qabel il-pelican crossing wara illi gie stabilit li l-vittma kellha livell gholi ta’ alkohol. L-ewwel Qorti accettat dawn il-fatti u accettat ukoll fattur kontributorju da parti tal-vittma però xorta iddecidiet illi l-appellant kellu jkun responsabbli tal-incident. L-appellant jghid illi dak il-hin kien jaf li se jasal vicin il-pelican lights u kien mohhu fuq dan iz-zebra crossing u jara d-dawl x’kulur kien se jindikalu. Kien ghalhekk illi naqqas il-velocità tieghu. Izda f’daqqa wahda qasmitlu din il-persuna fis-sakra minn fuq il-lemin u baqghet diehla fil-karozza tieghu. L-ewwel Qorti argumentat illi l-appellant messu zamm a proper look out u jara dak li kien “in plain view.” L-appellant hass illi ma kellux jinzamm responsabbli il ghaliex osserva l-ligi u kien mohhu fil-pelican crossing. Terga’ u tghid ghal dak li jirrigwarda punt ta’ dritt, l-appellant argumenta illi jekk kien hemm fattur kontributorju l-ewwel Qorti ma messiex sabet lill-appellant hati ta’ sewqan bla kont l-oghla grad u fic-cirkostanzi l-piena kienet eccessiva.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta’ sewqan perikoluz izda nizlet grad u sabitu hati ta’

sewqan traskurat u bla kont, veru il ghalhiex dehrilha illi l-appellant messu induna bil-prezenza ta' persuna ohra qed taqsam it-triq min-naha tal-lemin tieghu, persuna illi kellha dritt tkun fit-triq daqs kemm kellu dritt l-appellant isuq il-karozza fl-istess triq.

L-awtur Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "Casi pratici in materia di circolazione stradali" (pagna 51) jghid: "riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio: la strada e` di tutti. Essa e` un bene al qui utensa i cittadini tutti sono ammessi con parità di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parte di co loro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinsiche caratteristiche di velocità e potenza, possono costituire anche solo per questo, un immanente pericolo per la circolazione."

Dan il-principju kwindi filwaqt illi jirrikonoxxi illi kulhadd ghandu dritt ikun fit-triq min ikun qed isuq però jrid joqghod aktar attent mill-pedestrian minhabba perikolu li tista' tikkawza vettura anki f'mument ta' aljenazzjoni. Kien proprio dan il-hsieb illi wassal lill-ewwel Qorti biex ticcensura lill-appellant ghan-nuqqas ta' proper look out.

L-awtur Gibb fil-ktieb tieghu "Collisions on Land" (section 148) jghid: "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist."

F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-

sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq il-lemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu.

L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza Said versus Fountain (Vol. LXLII, part 1, pagna 15) il-Qorti qalet, "F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta minn kull responsabiltà lill-awtur tad-danni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza l-mezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti." (ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625). L-istess jinghad fil-kawza Il-Pulizija versus Mifsud (XXXVIII, part 4, pagna 859) "Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian."

L-appellant kien qieghed isuq fi triq principali ta' San Pawl il-Bahar, triq mimlija hwienet u stabbilimenti kummercjali frekwentata b'nies il-hin kollu li mhux necessarjament juzaw iz-zebra crossing biex jaqsmu min-naha ghall-ohra tat-triq. Min ikun qieghed isuq f'dawn ic-cirkostanzi ghandu l-obbligu u d-dover illi juza l-massimu ta' attenzjoni biex jara illi anke f'kaz ta' xi hadd illi jaqsam it-triq b'mod erratiku jkun f'pozizzjoni illi jevita illi jinvesti lil

dik il-persuna. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li f'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma uriex proper look out u jara dak illi kien in plain view. Il-vittma ma giex fuq il-karozza tieghu minn xi blind spot jew min-naha tax-xellug fejn forsi l-appellant jista' jargumenta illi kien f'pozizzjoni illi ma jarax lill-vittma tavvicina l-vettura. F'dan il-kaz il-vittma giet min-naha tal-lemin f'pozizzjoni ben vizibbli ghall-appellant illi kieku kien qed izomm il-mimimu ta' proper look out. Imma lanqas daqshekk ma kien qieghed izomm biex lanqas induna bil-prezenza tal-vittma u kien biss mad-daqqa illi rrealizza illi lanqat lil xi hadd. L-appellant argumenta illi ma kellux jinstab responsabbli ta' kollox peress illi l-vittma fl-istat ta' sokor li kien fih zgur illi ikkontribwixxa ghal dan l-incident. L-ewwel Qorti fil-fatt irrikonoxxiet dan u filwaqt illi ittemprat id-decizjoni taghha ghal dak li jirrigwarda t-tip ta' sewqan billi sabet lill-appellant hati biss ta' sewqan traskurat u bla kont, dehrilha illi kellha tkun mita fl-ghoti tal-piena minhabba proprju din ic-cirkostanzi. Din il-Qorti ma ssibx raguni illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

L-appellant argumenta quddiem il-Qorti tal-Appell illi s-sospensjoni tal-licenzja tieghu setghet taffettwa x-xoghol tieghu li tinkludi sewqan b'vettura. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-appellant jista' jibbenefika minn dan l-argument. Fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Azzopardi (4 ta' Awwissu 2006) il-Qorti qalet, "Il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghajxien tieghu ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghaliex kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------